



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0235/2021**

15.7.2021

## **RAPPORT**

li fih mozzjoni għal risoluzzjoni mhux leġiżlattiva dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu  
(06566/2021 – C9-0154/2021 – 2021/0037M(NLE))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Pierre Karleskind

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI MHUX LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	9
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	10

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI MHUX LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (06566/2021 – C9-0154/2021 – 2021/0037M(NLE))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (06566/2021),
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (06380/2021),
- wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), u l-paragrafu (7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0073/2020),
- wara li kkunsidra t-Titolu II tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS)<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' ...<sup>3</sup> dwar l-abbozz ta' deċiżjoni,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR),
- wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali,

---

<sup>1</sup> ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

<sup>2</sup> ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

<sup>3</sup> Testi adottati, P9\_TA(0000)0000.

- wara li kkunsidra l-Protokoll (Nru 34) dwar arranġamenti speċjali għal Greenland,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Ottawa dwar il-ħolqien tal-Kunsill tal-Artiku,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2019 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea, inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija")<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport intitolat "Ex ante and ex post evaluation study of the Fisheries Partnership Agreement between the European Union and Greenland" (Studju ta' evalwazzjoni *ex ante* u *ex post* tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u Greenland") tad-9 ta' Awwissu 2019,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0235/2021),
- A. billi l-UE stabbiliet objettivi ta' sostenibbiltà bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mill-istrateġiji tagħha għall-bijodiversità għall-2030 u "mill-Għalqa sal-Platt", kif ukoll b'riżultat ta' impenji internazzjonali speċifiċi, inkluża l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), b'mod partikolari l-SDG 14 dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi u l-ambjent tal-baħar;
  - B. billi t-tibdil fil-klima qed jaffettwa l-ekosistemi u r-riżorsi tal-baħar;
  - C. billi l-Artikolu 62 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar jipprevedi li, permezz ta' ftehimiet jew arranġamenti oħra, stat kostali għandu jagħti aċċess lil stati oħra għal dak li jibqa' żejjed minn qabda permissibbli;
  - D. billi l-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali impona projbizzjoni ta' 16-il sena fuq is-sajd kummerċjali f'dik iż-żona;
  - E. billi l-Unjoni u Greenland, permezz tad-Danimarka, huma membri tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) NEAFC u NAFO;
  - F. billi l-UE għandha relazzjoni mill-qrib ma' Greenland; billi Greenland tagħmel parti mill-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej assoċjati mal-UE u billi l-UE u Greenland ilhom mill-1984 li għandhom sħubija dwar is-sajd;
  - G. billi l-Protokoll (Nru 34) dwar arranġamenti speċjali għal Greenland jorbot it-tariffi preferenzjali fuq is-suq Ewropew għall-prodotti tas-sajd minn Greenland mal-aċċess tal-bastimenti Ewropej għaż-żoni tas-sajd tagħha;
  - H. billi n-natura speċjali ta' dan il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) tfisser li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu nnegożjati kull sena u li dan jippermetti trasferimenti ta' kwoti man-Norveġja u l-Gżejjer Faeroe;
  - I. billi l-evalwazzjoni *ex post* tal-protokoll preċedenti u l-evalwazzjoni *ex ante* wasslu

<sup>4</sup> ĠU C 411, 27.11.2020, p. 698.

għan-negozjar ta' ftehim u protokoll għodda li huma aktar konformi mal-opportunitajiet tas-sajd u l-pariri xjentifiċi, jipprovdu flessibilità akbar fuq il-qabdiet u għandhom kwota aktar baxxa ta' qabdiet inċidentali, kif ukoll għan-negozjar ta' perjodu ta' validità ta' sitt snin għall-protokoll;

- J. billi SFPA ma' Greenland huwa importanti għall-bastimenti Ewropej li jistadu fl-ibħra tagħha u għall-flotot tal-Istati Membri li jibbenefikaw direttament jew indirettament mill-ftehim u mit-trasferimenti tal-kwoti li jipprevedi;
- K. billi l-ftehim u l-protokoll il-għodda jippermettu lil 12-il bastiment Ewropew jisfruttaw opportunitajiet tas-sajd fl-ibħra ta' Greenland għal tmien speċijiet (bakkaljaw, dott pelaġiku, dott tal-qiegħ, ħalibatt ta' Greenland, gambu tat-Tramuntana, grenadier, kapelin u kavall tal-Atlantiku) għal perjodu ta' erba' snin li jista' jiġġedded għal sentejn, b'kumpens finanzjarju annwali ta' EUR 16 521 754 mill-UE, li EUR 2 931 000 minnhom huma allokatu għal finijiet ta' appoġġ u żvilupp tas-settur tas-sajd fi Greenland;

### ***Il-ftehim u l-protokoll preċedenti***

- 1. Jinnota l-benefiċċji soċjoekonomiċi f'termini ta' impjegi diretti u indiretti u l-valur miżjud gross iġġenerat mis-sajd tal-flotta Ewropea fl-ibħra ta' Greenland, kemm għas-settur tas-sajd ta' Greenland kif ukoll għal dak tal-UE;
- 2. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-qabdiet totali permissibbli stabbiliti minn Greenland għal diversi stokkijiet fil-protokoll preċedenti kienu jaqbu l-livelli rakkomandati xjentifikament; jissottolinja li s-sehem tal-UE f'dawn l-opportunitajiet tas-sajd huwa relattivament żgħir;
- 3. Jilqa' l-fatt li l-kontribuzzjoni finanzjarja settorjali mogħtija lil Greenland qed tintuża mill-awtoritajiet tagħha għal finijiet ta' amministrazzjoni, kontroll u riċerka xjentifika;
- 4. Jesprimi tħassib, madankollu, dwar in-nuqqas ta' data xjentifika meħtieġa biex jitfasslu stimi preċiżi tal-livelli tal-istokkijiet;

### ***Il-ftehim u l-protokoll il-għodda***

- 5. Jinnota n-natura kumplessa tan-negozjati u l-kuntest li saru fih, peress li fl-istess żmien kienu qed isiru negozjati dwar il-ftehim mar-Renju Unit – fatt li ħoloq inċertezza – u Greenland kienet qed tiffaċċja kwistjonijiet ta' politika interna; ifakkar li l-pożizzjoni ta' tluq ta' Greenland f'dawn in-negozjati kienet li tnaqqas il-kwoti tal-bastimenti Ewropej bi 30 %; jinnota li din il-proposta għal tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd kienet motivata mix-xewqa ta' Greenland li tkompli tiżviluppa s-settur tas-sajd tagħha;
- 6. Jinnota li l-kwoti tnaqqsu b'medja ta' 5 % meta mqabbla mal-protokoll preċedenti;
- 7. Jesprimi dispjaċir li l-operaturi Ewropej ma setgħux jistadu fl-ibħra ta' Greenland għal kważi erba' xhur qabel l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim, li ma ġiex iffirmit qabel it-22 ta' April 2021 minħabba l-elezzjonijiet fi Greenland u l-bżonn li jiġi ffurmat gvern;
- 8. Jinnota li l-opportunitajiet tas-sajd għall-kavall tal-Atlantiku jiddependu mill-

parteċipazzjoni tal-istati kostali bħala firmatarji tal-ftehim tal-istati kostali dwar il-  
ġestjoni tal-kavall tal-Atlantiku u li l-opportunitajiet tas-sajd għad-dott iridu jkunu  
konformi mal-ftehim ta' ġestjoni u mad-deċiżjonijiet meħuda fil-livell tan-NEAFC;

9. Jinnota li l-protokoll jipprevedi 600 tunnellata ta' qabdiet inċidentali, li jirrappreżenta tnaqqis sinifikanti mill-protokoll preċedenti; jissottolinja li l-qabdiet kollha, inklużi l-qabdiet inċidentali u l-qbid skartat, iridu jiġu rreġistrati u rrapportati skont l-ispeċi f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli ta' Greenland;
10. Ifaħħar l-oġġettivi ta' sostenibbiltà tal-ftehim u l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat;
11. Jesprimi tħassib dwar l-arranġament ta' "erba' snin u sentejn" rigward it-tul tal-ftehim u l-inċertezza dwar it-tiġdid tal-protokoll wara l-ewwel erba' snin, li jista' jirrappreżenta nuqqas ta' ċarezza għall-bastimenti Ewropej;
12. Jinnota li l-kumpens finanzjarju tal-UE huwa oġġla minn kif kien fil-protokoll preċedenti, filwaqt li l-kontribuzzjoni għall-appoġġ settorjali baqgħet l-istess u l-prezzijiet ta' referenza għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għas-sidien tal-bastimenti żdiedu;

#### ***Greenland bħala attur strateġiku fl-Atlantiku tat-Tramuntana u fl-Artiku***

13. Jinnota li l-Brexit iddestabilizza r-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi tal-Atlantiku tat-Tramuntana;
14. Isostni li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u l-konsegwenzi li jirriżultaw għas-sajd fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Grigal tal-Atlantiku m'għandhomx jintużaw ħażin biex tiġi mmanipulata d-distribuzzjoni tal-kwoti fil-Ftehimiet tat-Tramuntana, iżda minflok għandhom jirrispettaw id-distribuzzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd kif evolviet storikament, dejjem abbażi tal-aqwa data u pariri xjentifiċi disponibbli;
15. Ifakkar fis-sitwazzjoni ġeostrateġika ta' Greenland fir-reġjun tal-Artiku; jenfasizza l-importanza tar-relazzjonijiet ma' Greenland bħala parti minn strateġija tal-UE dwar l-Artiku u bil-ħsieb li jiġi evitat is-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Artiku Ċentrali;

#### ***Rakkomandazzjonijiet u talbiet lill-Kummissjoni Ewropea***

16. Jirrakkomanda u jitlob lill-Kummissjoni Ewropea:
  - (a) tinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim u l-protokoll;
  - (b) tiżgura li l-implimentazzjoni tal-ftehim u l-protokoll tiegħu tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tiżhin globali u tippermetti l-adattament għall-effetti dejjem akbar tiegħu, għall-preservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u għall-oġġettivi ta' sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku, u tkun allinjata mal-oġġettivi tal-PKS;
  - (c) tiżgura l-applikazzjoni tal-approċċ prekawzjonarju għall-istokkijiet sfruttati u mmirati fil-preżent, bħall-bakkaljaw, id-dott u l-ħalibatt ta' Greenland;
  - (d) ittejjeb l-arranġamenti għall-ġbir u l-analiżi tad-data u l-aġġornament tas-

sorveljanza tal-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-appoġġ settorjali, bil-ħsieb li tiġi żgurata ġestjoni sostenibbli tal-ħut maqbud mill-Ewropej u li l-kwoti mogħtija lill-bastimenti Ewropej huma fil-fatt għal stokkijiet żejda;

- (e) tiżgura titjib fid-data disponibbli dwar id-daqs tal-flotta u l-isforz tas-sajd tal-flotot ta' sussistenza u tas-sajd fuq skala żgħira ta' Greenland;
- (f) tiżgura li wara erba' snin il-protokoll jiġġedded għal sentejn oħra u tagħmel kull sforz biex tara li l-bastimenti Ewropej ikunu jistgħu jkomplu joperaw fl-ibħra ta' Greenland fuq bażi permanenti;
- (g) tagħmel li tista' biex tara li ma jkunx hemm tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-protokoll kull sena, sakemm ix-xjenza ma tiddettax dan il-bżonn;
- (h) tittrasferixxi għall-2022 il-kwoti kollha mhux użati jew parti minnhom minħabba d-dewmien fl-applikazzjoni provviżorja tal-ftehim, skont l-aqwa pariri xjentifiċi;
- (i) thegħgeġ lil Greenland tiffirma l-ftehim tal-istati kostali dwar il-ġestjoni tal-kavall tal-Atlantiku;
- (j) tiżgura li tingħata attenzjoni speċjali lix-xbieki tas-sajd mitlufa, il-ġbir tal-iskart fil-baħar, l-ekosistemi tal-baħar u l-ispeċijiet vulnerabbli, l-identifikazzjoni tal-ħabitats u l-qabdiet inċidentali tal-għasafar, partikolarment fil-kuntest tal-appoġġ settorjali;
- (k) ittejjeb il-konnessjoni bejn l-SFPA UE-Greenland u d-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija;
- (l) ittejjeb il-viżibilità u t-trasparenza fir-rigward tal-istrumenti internazzjonali għall-ġestjoni tal-istokkijiet fir-reġjun, bħall-RFMOs u l-ftehimiet tal-istati kostali għall-ġestjoni ta' ċerti stokkijiet; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li jiġu segwiti r-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi, inklużi l-effetti tat-tibdil fil-klima, kif ukoll li jittejjbu l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-RFMOs, inklużi r-regoli tal-qbid;
- (m) tidħol fi proċess ta' riflessjoni fit-tul dwar kif jistgħu jiġu fformalizzati r-relazzjonijiet mas-sħab tagħna fir-reġjun u titnaqqas l-instabbiltà li nħolqot bil-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, partikolarment fis-settur tas-sajd;
- (n) tibda diskussjoni fit-tul dwar ir-rabta bejn l-SFPA ma' Greenland u l-ftehimiet dwar is-sajd man-Norveġja, inkluża l-interdipendenza tagħhom;
- (o) tikkunsidra l-SFPA bis-sħiħ meta l-UE tkun qed tistabilixxi l-pożizzjoni ġeostrateġika tagħha dwar l-Oċean Artiku;

o  
o o

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, ta' Greenland u tad-Danimarka.





**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	12.7.2021
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 24 - : 0 0 : 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, François-Xavier Bellamy, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Maria da Graça Carvalho, Rosanna Conte, Rosa D'Amato, Giuseppe Ferrandino, Søren Gade, Francisco Guerreiro, Anja Hazekamp, Niclas Herbst, Ladislav Ilčić, France Jamet, Pierre Karleskind, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Grace O'Sullivan, João Pimenta Lopes, Manuel Pizarro, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Annie Schreijer-Pierik, Peter van Dalen, Emma Wiesner, Theodoros Zagorakis
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Valentino Grant, Ska Keller, Gabriel Mato, Cláudia Monteiro de Aguiar, Elżbieta Rafalska

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>24</b>	<b>+</b>
ECR	Ladislav Ilčić, Bert-Jan Ruissen
ID	France Jamet
PPE	François-Xavier Bellamy, Maria da Graça Carvalho, Peter van Dalen, Niclas Herbst, Francisco José Millán Mon, Annie Schreijer-Pierik, Theodoros Zagorakis
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Pierre Karleskind, Emma Wiesner
S&D	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, Isabel Carvalhais, Giuseppe Ferrandino, Predrag Fred Matic, Manuel Pizarro
The Left	João Pimenta Lopes
Verts/ALE	Rosa D'Amato, Grace O'Sullivan, Caroline Roose

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>4</b>	<b>0</b>
ID	Rosanna Conte, Valentino Grant
The Left	Anja Hazekamp
Verts/ALE	Francisco Guerreiro

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni